# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/04, it-Tnejn 13 ta'Settembru 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 3 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn, 13 ta' Settembru 2019 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Wistin Vella | Viċi Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| | |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI**

Hadd

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

| | |
|---|---|
| Odette Muscat | Kunsillier |

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:12pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*4.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*4.4 Korrispondenza*

*4.5 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*4.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*4.7 Pjan ta' Hidma u Laqgħa Pubblika;*

*4.8 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

**4.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

4.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand Odette Muscat li ma setgħatx tattendi din il-laqgħa.

4.1.2 Il-Kunsill approva unanimament din it-talba u għalhekk is-Sa. Muscat tniżżlet bħala assenti b' apoloġija għal din il-laqgħa.

**4.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

4.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

4.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sidku u mis-Segretarju Eżekuttiv quddiem il-membri l-oħra tal-Kunsill.

## 4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.3.1 Is-Sindku informa li kien beda' x-xogħol fuq ir-rampa tal-iskola u din kienet maħsuba li tkun lesta sakemm tibda' l-iskola.

4.3.2 Saret laqgħa mal-uffiċċjali tal-LESA dwar problemi tat-traffiku u l-immaniġġjar tiegħu. Ġew diskussi diversi postijiet u proposti għall-immanniġġjar aħjar tat-traffiku u parkeġġ.

Fis-6:08pm daħal il-Viċi Sindku Wistin Vella.

4.3.3 Is-Sindku semma li kien hemm kummenti ġeneralment pożittivi għal-festa ta' Santa Marija. Kien hemm ftit problemi bit-tibdil fil-post fejn jinħaraq in-nar tal-art. Din għandha iċċarata min qabel is-sena d-dieħla.

## 4.4 Korrispondenza

4.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

4.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq invit għall-diskussjoni dwar il-Gvern Lokali li ser isir fil-25 ta' Settembru f' MUŻA.

4.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill mozzjoni mir-Reġjun Tramuntana dwar il-proġett DB f' Pembroke.

## 4.5 Temi ta' xogħol ieħor li l-Kunsill jista' jkollu bżonn

4.5.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien għadu kif irċieva l-aħbar tal-mewt ta' Dame Francoise Tempra, li kienet tgħix l-Imġarr u li kienet żejnet il-bini amministrattiv tal-Kunsill b' ħafna opri tal-Arti mill-kollezzjoni privata tagħha. Il-Kunsill osserva minuta silenzju.

4.5.2 Il-Kunsilliera Tiziana Borg Busuttil resqet proposta sabiex il-Kunsill jibda jaħseb sabiex jagħmel Traffic Management Plan għal-lokalita'.

## 4.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

4.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 3/8 li kienet tammonta għall-33,052 Ewro u 4 ċenteżmi.

4.6.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament u għalhekk ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, u minn Kunsillieri oħra.

## 4.7 Pjan ta' Hidma u Laqgħa pubblika

4.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li skont l-emendi il-ġodda tal-Liġi Kap. 363 tal-Gvern Lokali, il-Kunsill kien mistenni li jsejjaħ laqgħa pubblika biex fiha jiddiskuti il-Pjan ta' Hidma għal matul il-Leġislatura. Din il-laqgħa kienet ser tissejjaħ għal-nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, fis-6pm, fis-Sala tal-Kunsill.

4.7.2 Il-Kunsill qabel ukoll li iħalli lir-residenti li jattendu din il-laqgħa sabiex iresqu l-proposti tagħhom biex il-Kunsill jidderiġi ir-risorsi tiegħu fejn l-aktar li hemm bżonn.

## 4.8 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

4.10.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għat-Tnejn, 21 t' Otubru 2019, fil-5:30pm.

4.10.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7:07pm.

**Paul Vella**

Sindku

**Cyprian Dalli**

Segretarju Eżekuttiv